

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: BY

Konvenut: CX

**Dispożittiv**

L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, ma jkoprix it-trażmissjoni b'mod elettroniku lil qorti, bħala prova fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja bejn individwi, ta' xogħol protett.

(<sup>1</sup>) ĠU C 372, 4.11.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-22 ta' Ottubru 2020 – Silver Plastics GmbH & Co. KG, Johannes Reifenhäuser Holding GmbH & Co. KG vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-702/19 P) (<sup>1</sup>)

*(Appell – Kompetizzjoni – Akkordju – Suq tal-imballaġġ alimentari intiż għall-bejgħ bl-innut – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 23 – Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – Dritt fundamentali għal smiġh xieraq – Prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet – Dritt "għall-konfront" – Smiġh ta' xhieda – Motivazzjoni – Ksur uniku u kontinwu – Limitu massimu tal-multa)*

(2020/C 433/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellanti: Silver Plastics GmbH & Co. KG (rappreżentanti: M. Wirtz u S. Möller, Rechtsanwälte), Johannes Reifenhäuser Holding GmbH & Co. KG (rappreżentant: C. Karbaum, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Meessen, I. Zaloguin u L. Wildpanner, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Silver Plastics GmbH & Co. KG u Johannes Reifenhäuser Holding GmbH & Co. KG għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU C 383, 11.11.2019.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Gorzowie Wielkopolskim (il-Polonja) fit-3 ta' Ottubru 2018 – Prokuratura Rejonowa w Słubicach vs BQ**

(Kawża C-623/18)

(2020/C 433/18)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Okręgowy w Gorzowie Wielkopolskim

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Prokuratura Rejonowa w Ślubicach

Konvenut: BQ

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Ottubru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddeċidiet li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija manifestament inammissibbli.

---

**Appell ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2020 minn YG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-28 ta' Mejju 2020 fil-Kawża T-518/18, YG vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-361/20 P)**

(2020/C 433/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: YG (rappreżentanti: A. Champetier, avocate, S. Rodrigues, avocat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tannulla, parzjalment, is-sentenza appellata u tiddikkjara t-talbiet tal-appellant fil-Kawża T-518/18 ammissibbli u fondati, tikkonferma l-kundanna tal-appellat għall-ispejjeż; u konsegwentement
- tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati fl-ewwel istanza;
- jew, jekk dan ma huwiex possibbli,
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

1. Żnaturament tal-provi u ksur tad-drittijiet tad-difiża.
2. Motivi insuffiċjenti u kontradittorji.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzgericht (l-Awstrija) fis-6 ta' Awwissu 2020 – QY vs Finanzamt Wien für den 8., 16. und 17. Bezirk**

**(Kawża C-372/20)**

(2020/C 433/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: QY

Konvenut: Finanzamt Wien für den 8., 16. und 17. Bezirk